**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 11 TA' DICEMBRU 2001

**Numru: 15**

**Avviz Nru: 942/01 AE**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tas-assikurata taghha Lara Pisani u l-istess Lara Pisani**

**vs**

**Roderick Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba ta' l-atturi li permezz taghha talbu l-hlas tas-somma ta' tmien mija u sebgha u tletin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm837.25), in kwantu ghal-somma ta' sitt mija u disgha u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm679.75) dovuta lis-socjeta attrici u l-bilanc dovut lill-atttrici liema ammont jirraprezenta danni sofferti b'rizultat ta' incident stradali li sehh fit-22 ta' Gunju 2000 gewwa The

Strand, Sliema bejn il-vettura bin-numru KBC 609 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numur GAM 397 misjuqa u propjeta ta' l-attrici.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat bl-avviz tat-talba baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher fis-seduti.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha lill-attrici tikkonferma li:

1. Fit-22 ta' Gunju 2000 kienet qeghda ssuq il-vettura taghha tal-marka Punto bin-numru GAM 397 gewwa The Strand, Sliema.

2. L-attrici waqfet peress li kienu qeghdin jaqsmu n-nies minn fuq *zebra crossing* li hemm fl-istess triq. Waqt li kienet qeghda tistenna n-nies jaqsmu, il-vettura misjuqa mill-konvenut giet minn wara u baqghet diehla fil-vettura taghha.

3. Il-Pulizija ma ssejhux peress li l-konvenut kien mghaggel u lanqas ma saru l-formoli tal-*bumper to bumper*.

4. Il-hsara fil-vettura Punto GAM 397 issewwiet u l-ispejjez saru mis-socjeta attrici peress li l-attrici kienet koperta minn polza ta' assigurazzjoni *comprehensive*.

5. L-attrici kellha is-somma ta’ mitt lira Maltija (Lm100) bhala excess u s-somma ta’ sebgha u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm57.50) ghal *loss of use*.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa’ t-talba ta’ l-atturi kif dedotta u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ tmien mija u sebgha u tletin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm837.25), in kwantu ghal-somma ta’ sitt mija u disgha u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm679.75) dovuta lis-socjeta attrici u l-bilanc dovut lill-attrici liema ammont jirraprezenta danni sofferti b’rizultat ta’ incident stradali li sehh fit-22 ta’ Gunju 2000 gewwa The Strand, Sliema u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**